# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Janet Cicala**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Janet Cicala** xebba Agius, ta 49 sena, bint Joseph u Gaetana nee' Grech Jane, imwielda H'Attard nhar il-11/03/1966, residenti 49 Triq il-Kampanella, Fgura u detentriċi tal-karta tal-identita numru ID 148566M li permezz tagħha hija ġiet akkużata talli nhar id-29 ta' Jannar 2015 għal ħabta ta bejn l-16:00hrs u 16:25 hrs fi Triq il-Kampanella, il- Fgura, Malta, saqet vettura ta' għamla Renault bin-numru ta registrazzjoni CBZ 949 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż. (Art.15(1) (a) (2) Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta);

Fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew

b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, għamlet ħsara ta' €531 fuq il-vettura EBD797 tal-għamla Seat - (art. 328. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għamlet reat li kellha tissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tagħha kellha d-dmir li timpedixxi, (Art. 141 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta)

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi prodotti sad-data tas-seduta de quo.

Il-Qorti semgħet lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tagħha.

Wara li spjegatilha bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi illi jitnisslu mill-ammissjoni reġistrata minnha fis-sens li l-Qorti ser tgħaddi biex issibha ħatja u tagħti piena skont il-liġi, li tista' tkun waħda karċerarja, tagħatha żmien biżżejjed sabiex jekk trid terġa' lura minnha. Wara li ingħata ukoll il-possibilta li terga tikkonsulta mal-Avukat difensur tagħha, l-imputata wieġbet li hija kienet ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

***Ikkunsidrat : -***

Li fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma għandhiex għażla għajr ħlief li ssib lil imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

## ***Decide***

Li wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll l-artikoli 141 u 328(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt illi ssib lil imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, u wara li qieset li fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni l-imputata saqgħet b'mod traskurat iżda li ma jikwalifikax skont dak imsemmi fl-artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qieset l-imġieba u l-kondotta nadifa tal-imputata tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, mhux spedjenti li twaħħal piena u għalhekk qegħda tagħżel li titratta mal-ħatja billi tqiegħda taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' sena u nofs mill-lum u dan skont il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet li ġie mehmuz ma' din is-sentenza.

Il-Qorti ddikjarat illi fisret bi kliem ċar u li jinftiehem l-effett tal-ordni tal-probation fis-sens li jekk il-ħatja tonqos milli tħares din l-ordni jew tagħmel reat ieħor matul il-perjodu tal-probation tkun tista' tiġi kkundannata għar-reati li għalihom qegħda tiġi magħmula din l-ordni.

Inoltre il-Qorti peress illi tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ huwa xieraq illi

jsir ordni ta' trattament, wara li rat l-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tqiegħed lill-ħatja taħt din l-ordni għal perjodu ta' sena u nofs mill-lum u dan skont il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet anness ma' din is-sentenza.

Il-Qorti tiddikjara ukoll li fisret lil ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-ordni ta' trattament u illi jekk tonqos milli tħares jew tikkonforma ruħha magħha tkun tista' teħel ammenda ta' mhux iktar minn €1164.69.

***Mogħtija illum il-21 ta' Ġunju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***